

Sidna Ġesù Kristu, Sultan tal-Ħolqien kollu

# Aħbar Tajba

Eżek 34, 11-12.15-17
S 22 (23), 1-2a.2b-3.5-6
1 Kor 15, 20-26.28
Mt 25, 31-46

**"Joqgħod fuq it-tron glorjuż tiegħu**
u jifred il-ġnus minn xulxin."

Qatt mort għal xi eżami li kont taf minn qabel il-mistoqsijiet tiegħu? Probabbilment le. Imma kieku kont taf minn qabel liema mistoqsijiet se joħorġu, x'tagħmel? Naħseb tgħiduli, nistudja tajjeb dawk is-suġġetti li se joħorġu, mhux hekk?!

Fl-Evanġelju tal-lum Ġesù jgħidilna li fl-aħħar ta' ħajjitna se jkollna qisu eżami. Forsi qed tgħidu bejnkom u bejn ruħkom, anke Ġesù se jagħmlilna l-eżamijiet?! Ħadd ma jieħu gost bl-eżamijiet, imma biex ma nħossuniex wisq ħażin, Ġesù qed jgħidilna x'se joħroġ f'dan l-eżami. L-ewwel nett l-eżami mhux se jkun magħmul minn mistoqsijiet li trid tistudja ħafna biex iġġibhom tajbin. Mhux se jistaqsini ngħid il-Kredu bl-amment jew l-Għaxar Kmandamenti. Mela toqgħodx tibża' li bl-eċitament li qed tara lil Alla tinsa xi kelma jew titfixkel! Lanqas se jkun eżami li jekk tagħmel żball wieħed titlef il-punti kollha.

Il-punti ta' dan l-eżami tiġborhom ftit ftit matul ħajtek kollha. Fl-Evanġelju naraw: "Għax jien kont bil-ġuħ u tmajtuni, kont bil-għatx u sqejtuni, kont barrani u lqajtuni, kont għeri u libbistuni, kont marid u ġejtu tarawni, kont fil-ħabs u ġejtu żżuruni."

Imma tgħiduli, "Kif nistgħu nitimgħu jew nżuru lil Ġesù?" Din l-istess mistoqsija naqrawha fl-Evanġelju u t-tweġiba ta' Ġesù hi waħda sempliċi ħafna. "Tassew, ngħidilkom, kulma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi." Mela kull darba li nagħmlu xi waħda minn dawn t'hawn fuq, jew oħrajn li jixbhuhom, ma' xi ħadd li niltaqgħu miegħu, inkunu qed nagħmluhom ma' Ġesù. San Ġorġ Preca kien iħobb jgħid li jekk trid tibgħat rigal lil Alla, ibagħtulu mal-proxxmu.

Ejjew naħdmu biex fl-aħħar ta' din il-ħajja, meta nkunu quddiem Ġesù, nisimgħuh jgħidilna: "Ejjew, imberkin minn Missieri, ħudu b'wirt tagħkom is-Saltna li tħejjiet għalikom sa mill-ħolqien tad-dinja."

Ibda mid-dar stess, agħti daqqa t'id lill-ġenituri tiegħek jew lil ħutek. Fittex li żżur sikwit lin-nanniet jew xi zijiet ftit anzjani. Jekk fost sħabek tinduna li xi ħadd għandu bżonn l-għajnuna tiegħek toqgħodx lura, għinu. Iftaħ għajnejk sew, għax Ġesù se jlaqqgħek ma' ħafna li għandhom bżonn l-għajnuna tiegħek.

Sib il-Kelma

**Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.**

ĠESÙ, DIXXIPLI, BIN, BNIEDEM, ANĠLI, TRON, GLORJUŻ, IMBERKIN, ĠUĦ, GĦATX, BARRANI, MARID

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| N | A | GĦ | A | Ġ | M | O | GĦ | O | Ż |
| B | A | R | R | A | N | I | J | I | F |
| I | M | B | E | R | K | I | N | E | R |
| T | R | O | N | M | E | R | Ħ | D | B |
| Ġ | A | L | I | B | B | I | S | G | N |
| U | N | F | R | I | N | U | T | L | IE |
| Ħ | Ġ | S | A | L | T | N | A | O | D |
| A | L | M | E | W | W | IE | B | R | E |
| D | I | X | X | I | P | L | I | J | M |
| GĦ | M | Ġ | M | O | R | R | N | U | B |
| A | A | E | F | E | J | N | R | Z | A |
| T | R | S | GĦ | A | U | T | A | J | R |
| X | I | Ù | L | A | N | T | IE | N | R |
| I | D | T | R | A | B | U | K | I | A |

# **“Joqgħod fuq it-tron glorjuż tiegħu** u jifred il-ġnus minn xulxin.”



# Il-Kewkba li ddiet




STORJA TAL-MILIED | KALENDARJU TAL-AVVENT | KTIEB TAT-TPINĠIJA

**Dan l-Avvent ejja magħna fi vjaġġ wara kewkba speċjali li se tlaqqagħna ma' sultan ġdid. Kuljum se timxi pass ieħor fl-istorja li bidlet id-dinja.**

Ibagħtilna email fuq info@mediacentre.com.mt

**€1** VAT inkluża

jew ċemplilna fuq 2569 9100

Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**




Grazzi.

## AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**

**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**

www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com

32 Tarxien Road Paola

SAY IT! www.sayitmalta.com 32, Tarxien rd Paola

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web




**Promozzjoni**

Issa tista' tirreklama fuq Aħbar **Tajba**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100 jew ibgħatilna email fuq info@sayitmalta.com


AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation.
Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.


mediacentre YOUTHEME FOUNDATION